**Name:** iNews

**Article Title:** App għal esperjenza isbaħ fil-mużewijiet

**Audience**: General

**Media:** Online

**Date:** 07.MAR.2014

**URL:** www.inewsmalta.com/dart/20140307-app-al-esperjenza-isba-fil-mu-ewijiet

iNEWS MALTA

Lokali | Id-dettall | Barranin | Sport | Madwarna | Ritratti | Filmati | Bloggers | Deal Today




**L-aħħar aħbarijiet**

- 09:56 Paga ta' €800 fix-xahar ...
- 09:16 Laqgħa għal dawk li ...
- 08:55 Fl-aħħar 6 snin – 3,600 ...
- 07:18 Fl-2013 żdied ir-razziżmu ...
- 22:02 "Is-saħħa l-prijorità ...
- 20:29 Mitlub ruling tal-Ispeaker ...

## App għal esperjenza isbaħ fil-mużewijiet

12:51 | 07.03.2014



Dawk li jħobbu jżuru l-mużewijiet issa se jkunu jistgħu jużaw app ġdida msejħa CHESS li hi maħsuba biex tagħmel dawn iż-żjarat aktar interessanti u interattivi.

Din l-app se tkun tista' titniżżel fuq smartphones u tablets u se tibdel iż-żjara f'mużew f'esperjenza simili għal logħba diġitali, fejn il-viżitatur ikun il-protagonist u jinvolvi ruħu fil-wirt kulturali.

Minbarra li jingħata tagħrif dwar l-esebit, il-viżitatur jintalab iwieġeb mistoqsijiet ta' taħbil il-moħħ. Dan jgħin biex jinħoloq aktar interess u jagħmel iż-żjara aktar pjaċevoli, l-aktar fost il-viżitaturi żgħar li huma midħla tal-logħob diġitali.

L-app CHESS (Cultural Heritage Experiences through Socio-personal interactions and Storytelling) ġiet żviluppata grazzi għal proġett bejn Franza, il-Greċja, ir-Renju Unit u l-Ġermanja, li ġie ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea.